**Il-Ġenituri u l-Assessjar Formattiv** **Leonard Grech**

(Copyright L. Grech July 2006)

Fil-ħajja ta' kuljum aħna nassessjaw il-ħin kollu. Nieklu xi ħaġa u ngħidu li hi tajba jew li mhix daqshekk tajba, jew inkunu quddiem vetrina ta' ħanut u nibdew naraw x'jogħġobna u x'ma jogħġobniex. Fil-fatt inkunu qed ngħaddu ġudizzju, u dan nagħmluh ħafna iżjed minn darba matul il-ġurnata.

Nassessjaw ukoll fil-qasam edukattiv, ngħidu aħna l-għalliem jagħmel test fil-klassi u jagħti l-marki lit-tfal, jimmarkalhom x'għamlu tajjeb u x'għamlu ħażin. L-assessjar li qed insemmu huwa magħruf bħala wieħed summattiv. Dan l-assessjar juri x'jafu t-tfal imma ma jurix kif jistgħu jitgħallmu dak li ma jafux ħalli jagħmlu progress.

Bosta edukaturi jsostnu li għandna bżonn innaqqsu mill-assessjar summattiv u nagħmlu enfasi akbar fuq dak formattiv. Għalhekk tajjeb li wieħed ikollu aktar tagħrif dwar dan is-suġġett. Ejja nieħdu l-eżempju ta' l-ikel li bdejna bih. Il-kok iduq l-ikel u jgħid li hu kemmxejn ħelu. Imma żgur li mhux se jieqaf hemm. Żgur li se jagħmel xi ħaġa biex itejjeb l-ikel. Iżidlu ftit melħ. Hekk ukoll fl-iskola jew fid-dar. L-għalliema u l-ġenituri jassessjaw, u għandhom jagħmlu ħilithom biex jgħinu lit-tfal

jitgħallmu dak li ma jafux. Mela l-iskop ta’ l-assessjar formattiv huwa l-progress tat-tfal li nixtiquhom dejjem jitgħallmu affarijiet ġodda li jinkludu ħiliet u attitudnijiet.

Forsi wieħed tajjeb jistaqsi liema huma l-karatteristiċi ta’ l-assessjar formattiv li dwaru saret u għadha ssir bosta riċerka speċjalment fir-Renju Unit.

Instab li t-tfal jitgħallmu aktar meta huma jkunu jafu x’suppost qed jitgħallmu, f’kelma waħda **jkunu jafu l-għan tal-lezzjoni**. Dan l-għan jista’ jkun mitt elf ħaġa, per eżempju kif tibgħat email, kif tuża l-internet, jew kif tinduna jekk verb li jispiċċa bl-ittra “a” għandux apostrofu fl-aħħar jew le. Tidher ovvja li min qed jitgħallem għandu jkun jaf x’qed jitgħallem, imma kultant jiġri li l-ovvju mhux daqshekk komuni. Biex jissaħħaħ it-tagħlim jgħin ħafna wkoll jekk it-tfal **ikunu jafu l-kriterji ta’ x’jagħmel biċċa xogħol tajba minn waħda anqas tajba**. Ngħidu aħna x’irid ikollu riklam biex iħalli effett fuq in-nies, x’inhuma l-ingredjenti ta’ logħba futbol interessanti, x’jagħżel komponiment tajjeb minn wieħed anqas tajjeb, jew, biex nagħtu eżempju ta’ l-aħħar, kif għandu jġib ruħu min jitkellem fil-pubbliku biex iżomm l-attenzjoni tan-nies, ifehemhom tajjeb u jikkonvinċihom minn dak li qed jgħid.

Meta jkollhom f’idejhom dawn il-kriterji t-tfal ikunu jistgħu jikkritikaw lil xulxin għax ikunu jafu fuqiex qed jitkellmu. Tonio qal lil sieħbu Kyle:

"Il-komponiment tiegħek jogħġobni. L-introduzzjoni veru tolqtok għax oriġinali. Anke kif qassamtu jogħġobni, paragrafi differenti u ideat spjegati b'mod ċar. Però kieku kont jien kont inbiddel il-konklużjoni għax twila wisq; fil-fatt hija sentenza waħda twila donnha mhi se tispiċċa qatt. Ipprova aqsamha mqar f'żewġ sentenzi! U ħaġ'oħra, fit-tieni paragrafu jiffittja perfettament il-qawl: 'il-ġarra ġejja u sejra fl-aħħar tinkiser'."

Meta għandhom il-kriterji f'idejhom, l-istudenti jkunu jistgħu mhux biss jgħinu lil xulxin, imma wkoll jikkritikaw ix-xogħol tagħhom stess. Ikunu kapaċi jindunaw kif jistgħu jtejbu xi ħaġa li jkunu għamlu. Silvana rat il-video ta' meta qrat poeżija fis-sala ta' l-iskola. Indunat kemm bdiet tiċċaqlaq u ma qagħditx dritta quddiem il-mikrofonu. Min-naħa l-oħra qrat mhux ħażin għalkemm laqalqet xi ftit f'wieħed mill-versi. Indunat ukoll li darba minnhom waqfet meta ma kellhiex tieqaf. Silvana kienet kapaċi tikkritika lilha nnifisha għax taf il-kriterji ta' kif għandek taqra poeżija fuq il-mikrofon u quddiem in-nies.

Karatteristika ferm importanti fl-assessjar formattiv hija t-teknika ta' kif wieħed jagħmel il-mistoqsijiet kif ukoll x'mistoqsijiet jagħmel. Melissa tinsab ma' binha Samwel. Bdew iqallbu fi ktieb u sabu stampa ta' qattus liebes ingwanti ħomor. Minn wiċċ Samwel deher ċar li l-istampa kienet

togħġbu. Melissa staqsiet lil binha: “X’fiha li jogħġbok din l-istampa, Samwel?”



It-tifel deher jaħseb u Melissa stenniet bil-paċenzja kollha. (Ħafna minna din ma nagħmluhiex, anzi bil-maqlub, nippretendu risposta immedjata u malajr inkunu pronti nikkummentaw xi ħaġa bħal: “Mela ma tafhiex?” jew “Ma tafx għaliex togħġbok?”)

Wara li Samwel qal li kellu jgħid, Melissa dawret il-folja tal-ktieb u sabu stampa ta’ sitt ingwanti ħomor minxurin. Ħalliet lit-tifel jinnota u jaħseb



dwar dak li kien qed jara. Melissa u Samwel tkellmu fuq l-ingwanti ħomor, fuq il-labar, u z-zkuk li magħhom kien marbut il-ħabel. Imbagħad staqsietu: “Għaliex taħseb li l-qtates kellhom jaħslu l-ingwanti tagħhom?”

Wieħed jinnota li din hija mistoqsija miftuħa għal bosta tweġibiet.

Mhijiex mistoqsija magħluqa bħal ngħidu aħna: "Kemm hemm ingwanti minxurin?" Melissa toqgħod attenta li tfaħħar lit-tifel u turih li qed tieħu pjaċir b'dak li jwieġeb. Dan tagħmlu għax taf li trid tgħinu jkabbar il-fiduċja fih innifsu u fil-kapaċitajiet tiegħu.

Melissa għandha tifla akbar minn Samwel, jisimha Raisa. Flimkien, Raisa u Melissa jħobbu jagħmlu dik li huma jsejħu 'mappa ta' kunċett'. Dan l-aħħar bdew waħda fuq "L-Għajnuna". Għadhom ma lestewhiex imma indunaw kemm tista' tkun mezz interessanti ta' tagħlim. Tgħin lil Raisa torganizza u tiggruppja flimkien fatti u ideat. B'dan il-mod jidhru aktar ċari, u l-kunċett jitlaħħam u għalhekk jiftiehem aħjar.



Din ma kinitx l-ewwel ‘mappa ta’ kunċett’ li għamlu flimkien. Fi żmien il-Eurovision li għadda għamlu waħda jisimha “Kanzunetti”. Melissa taf tinqeda b’dak li jkun qed jiġri fil-mument biex lil bintha timmotivaha ħalli din titgħallem aktar.

L-assessjar formattiv qed ikun implimentat fl-iskejjel għax nafu li huwa metodu ta’ tagħlim li jħalli effett pożittiv fuq it-tfal. Ikun jiswa ħafna kieku l-ġenituri jkomplu b’dawn il-metodi anke fid-dar. Jgħaqqdu l-logħob mat-tagħlim u għandhom garanzija ta’ suċċess kontinwu.